MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

### MAGISTRAT DR.

### DOREEN CLARKE

Seduta tat-28 ta' Frar, 2014

Numru. 211/2014

Il-**Pulizija**

**(Spettur Godwin Scerri)**

**vs**

**Marvic Borg**

**Kumpilazzjoni Nru: 211/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Marvic Borg, ta’ 34 sena, bin Thomas u Mary nee Calleja imwieled Pieta nhar it-8 ta’ Settembru 1979 u residenti 204 Triq San Pawl Valletta u detentur tal-karta ta’ l-identita bin-numru 134281(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer, bejn ix-xahar ta’ Marzu 2013 u x-xahar ta’ Frar 2014 appropja ruhu billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuni ohra, haga (flus kontanti) ta’ haddiehor li kienet fdata jew ikkunsinnata lilu taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga, jew li jsir uzu minnha specifikat u dan bi ksur ta’l-artikolu 293 u 294 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U talli f’l-istess zminijiet u cirkostanzi, b’mezzi kontra l-ligi, jew billi ghamel uzu ta’ ismijiet foloz, jew ta’ kwalifici foloz, jew billi nqeda b’qerq iehor, ingann jew billi wera haga b’ohra sabiex igieghel titwemmen l-ezistenza ta’ intraprizi foloz, jew ta’ hila, setgha fuq haddiehor, jew ta’ krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza’ dwar xi grajja kimerika u dan bi ksur ta’ l-artikolu 308 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

U aktar talli bi hsara ghal haddiehor ghamel qligh iehor b’qerq, tali qligh jammonta ghal valur ta’ aktar minn elfejn tlett mija u disgha u ghoxrin Euro u sebgha u tlettin centezmu (€2,329.37) u dan bi ksur ta’l-artikolu 309 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-artikoli 293, 294, 308, 309, u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat li waqt l-udjenza mizmuma llum minn din il-Qorti bhala Qorti Struttorja l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebieti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat, ic-cirkostanzi li fihom saru dawn ir-reati, l-koperazzjoni ta'l-imputat mal-pulizija u l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri kif ukoll il-fedina penali netta ta'l-imputat u l-fatt li huwa dispost li jhallas lura l-ammont misappropjat.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 293, 294, 308, 309 u 310(1)(a) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet fuq ammissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u tikkundannah tlettax (13) il-xahar prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett (3) snin, in oltre u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28(H) ta'l-istess Kapitolu 9 qed tordna lill-imputat biex fi zmien sitt (6) xhur ihallas lill-parte leza, il-Kings Own Band Club, is-somma ta' hmistax il-elf Euro.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin u jekk ma joqghodx ghall-ordni lilu mghoti.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------